MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 151/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Azzopardi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Azzopardi talli fis-27/01/2007 ghall-habta ta 12:45hrs fi Triq San Bartholomeo, Hal-Qormi, (**1**) saq il-vettura JBB-897 kontra sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita`; (**2**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura imsemmija fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi; u aktar (**3**) talli gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs; l-ewwel qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita, tordna li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' April, 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, iddikjarat lill-imsemmi George Azzopardi hati u, fuq l-ewwel imputazzjoni, ikkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), u fuq it-tieni u t-tielet imputazzjoni ikkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200) u skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Azzopardi, minnu prezentat fil-11 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju f'dana l-kaz, kif jirrisulta kemm mir-rikors kif ukoll mit-trattazzjoni, huwa wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti kellha f'dan il-kaz diskrezzjoni jekk tapplikax o meno s-sospensjoni tal-licenzja, u li fil-kaz in dizamina, tenut kont tac-cirkostanzi u in partikolari tal-fatt li ma rrizultax kemm kien l-ammont ta' alkohol fin-nifs, l-ewwel qorti ma kellhiex tapplika tali sospensjoni. Dana l-aggravju huwa manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad li huwa veru li hawn si tratta ta' ammissjoni, pero` huwa veru wkoll, kif jirrizulta mill-*affidavits* tal-ufficjali tal-pulizija ezibiti in atti u b'ebda mod kontestati, li l-appellant kellu sakra kbira fuqu tant li bilkemm seta' jzomm fuq saqajh. Huwa ghalhekk dejjem desiderabbli li anke meta jkun hemm ammissjoni il-qorti tara b 'certu attenzjoni l-isfond tal-kaz biex, bl-iskuza ta' "ammissjoni bikrija", ma tigix eluza l-gustizzja f'dak li jirrigwarda l-piena. F'dan il-kaz l-ewwel qorti jidher li kienet ben konxja tar-retroxena. Issa, huwa veru li l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H tal-Kap. 65 jipprovdi illi ***"fil-kaz ta' kundanna minhabba li persuna ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew ghal reat taht l-artikolu 15B, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom jghoddu biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbez il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew izjed fin-nifs jew b'ghoxrin milligramma jew izjed fid-demm jew bi tlieta w ghoxrin***

***milligramma jew izjed fl-urina”*** (sottolinear ta’ din il-Qorti). L-appellant jikkontendi li, galadarba ma jirrizultax li kien hemm l-eccess indikat f’dan il-*proviso*, allura l-ewwel qorti kellha diskrezzjoni ma tapplikax is-sospensjoni tal-licenzja indikata fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15H, jew li addirittura ma setghetx tapplika dik is-sospensjoni. Kif inghad, dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Is-sospensjoni komminata fis-subartikolu (2) hija fir-rigward ta’ tlett reati – ir-reat taht l-Artikolu 15A (cioe` meta persuna ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha kontroll ta’ vettura meta ma tkunx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi), ir-reat kontemplat fl-Artikolu 15B (cioe` meta persuna ssuq, tipprova ssuq jew ikollha kontroll ta’ vettura wara li tkun ikkunsmat tant ammont ta’ alkohol b’tali mod li l-proporzjon tieghu fin-nifs fid-demm jew fl-urina ikun izjed mill-limitu preskritt), u r-reat taht l-Artikolu 15E(4), cioe` meta persuna addirittura tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun tan-nifs ghall-analizi ghall-finijiet tal-Artikolu 15E. Mid-dicitura tal-*proviso* huwa evidenti – u ma setax ikun mod iehor ghax altrimenti l-ligi kienet tkun qed tikkontradici lilha nnifisha – li r-reat taht l-Artikolu 15E(4) ma hux inkluz fil-possibilita` tal-eccezzjoni ravvizata f’dak il-*proviso*. Fi kliem iehor, galadarba l-appellant irrifjuta li jaghti n-nifs ghall-analizi, ma jistax imbaghad jippretendi li jibbenefika mill-imsemmi *proviso* billi jargumenta li ma jirrizultax li kien hemm l-eccess indikat f’dak il-*proviso* – l-assenza ta’ tali eccess tista’ tkun biss ir-rizultat ta’ tali analizi. Jizdied jinghad, inoltre, li kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Gunju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Falzon**, ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A u l-piena tas-sospensjoni skond l-Artikolu 15H(2), tali eccess jista’ anke jirrizulta mir-*roadside* test taht l-Artikolu 15C.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentneza appellata. L-iskwalifika tibda tiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------